**OPINJONI** 13/2026

(skont l-Artikolu 322(1) TFUE)

MT

# dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni

COM(2025) 990 final



CURIA RATIONUM

QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

# Werrej

Paragrafu


## 01–16 | Messaġġi prinċipali

**01–10 | Għaliex nipprovdu din l-Opinjoni**

01–02 | Bażi legali

03–07 | Kuntest

08–10 | Ambitu u limitazzjonijiet

**11–16 | Osservazzjonijiet ewlenin**

## 17–32 | Kummenti speċifiċi

**17–19 | Objettivi tal-Fond**

**20–28 | Derogi mir-Regolament Finanzjarju**

**29–30 | Ġbir tad-dħul u ġestjoni tal-assi**

**31–32 | Amministrazzjoni tal-Fond**

## Annessi

**Anness I — Bidliet issuġġeriti bil-kummenti**

## Abbrevjazzjonijiet

# Messaġġi prinċipali

## Għaliex nipprovdu din l-Opinjoni

### Bażi legali

01 Fis-17 ta’ Diċembru 2025 il-Kummissjoni Ewropea adottat Proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni (“il-Fond”).

02 Il-Parlament Ewropew, fl-14 ta’ Jannar 2026, talab formalment lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex tagħti l-Opinjoni tagħha dwar il-proposta. Skont il-Kummissjoni, waħda mill-bażijiet leġiżlattivi għall-proposta hija l-Artikolu 322(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu ġie inkluż minħabba li l-proposta tistabbilixxi regoli dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-kontroll ta’ fond tal-UE, b’mod partikolari billi titlob derogi minn prinċipji baġitarji. Skont it-Trattat, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri jeħtiġilha tiġi kkonsultata meta tiġi proposta leġiżlazzjoni skont dan l-Artikolu.

### Kuntest

#### Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni

03 Il-Kummissjoni pproponiet il-Fond bl-għan li tipprovdi appoġġ finanzjarju temporanju lil kumpaniji f’setturi b’intensità qawwija ta’ karbonju, li jħabbtu wiċċhom mar-riskju ta’ rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju (jiġifieri r-rilokazzjoni tal-produzzjoni lejn pajjiżi mhux tal-UE li għandhom regoli aktar dgħajfa dwar l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra). L-inizjattiva għandha wkoll l-għan li tara li l-isforzi ta’ dekarbonizzazzjoni u l-inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet jibqgħu effettivi.

04 Il-Fond se jipprovdi appoġġ finanzjarju fl-2028 u fl-2029, abbażi tal-produzzjoni fl-2026 u fl-2027. Dan l-appoġġ se jiġi ffinanzjat mill-bejgħ ta' Ċertifikati tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM). Il-Kummissjoni pprevediet li l-Fond jservi bħala soluzzjoni temporanja, sakemm isir rieżami komprensiv dwar kif l-aħjar jiġi indirizzat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju mill-2028 'il quddiem. Peress li d-dħul mill-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM mhux se jkun riżorsa proprja tal-baġit tal-UE, se jikkostitwixxi dħul assenjat estern.

## Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri u s-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet

05 Fl-1 ta' Ottubru 2023 daħal fis-seħħ strument ġdid: il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri. Skont il-mekkaniżmu, l-oġġetti importati b'intensità qawwija ta' karbonju huma suġġetti għall-istess prezzijiet tal-karbonju li l-produtturi Ewropej iridu jħallsu skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS). L-istrument huwa maħsub biex jipproteġi lill-industriji tal-UE mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

06 Mill-2023 sal-2025 kien hemm fis-seħħ perjodu tranżitorju. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-importaturi ġew meħtieġa jixtru ċertifikati tas-CBAM għal kull tunnellata ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra integrati f'oġġetti importati li huma koperti mir-Regolament CBAM (ir-Regolament (UE) 2023/956). Dan ir-regolament japplika għal sitt setturi intensivi fl-enerġija: il-ħadid u l-azzar, is-siment, l-aluminju, il-fertilizzanti, is-sustanzi kimiċi (l-idroġenu) u l-elettriku. Il-produtturi Ewropej f'dawn is-setturi ġew allokati kwoti tal-emissjonijiet mingħajr ħlas sal-2026. Din il-prattika bdiet titneħħa gradwalment ladarba ċ-ċertifikati CBAM bdew jinbiegħu f'Jannar 2026. Il-perjodu ta' eliminazzjoni gradwali se jdum mill-2026 sal-2034. Meta jasal fi tmiemu, il-kwoti mingħajr ħlas mhux se jibqgħu jinħarġu għal dawn is-setturi. Id-dħul mill-bejgħ ta' ċertifikati CBAM fl-2026 u fl-2027 se jmur għand l-Istati Membri. Skont din il-proposta l-ġdida, madankollu, l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jittrasferixxu 25 % tad-dħul minn dan il-bejgħ, għal dawk is-sentejn, lill-Fond.

07 Għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (2028–2034), bħala parti mill-proposta dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tagħha, il-Kummissjoni pproponiet li 75 % tad-dħul mill-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM isir riżorsa proprja tal-baġit tal-UE. L-Istati Membri mbagħad iżommu l-25 % l-oħra. F'Marzu 2026, din il-proposta għadha ma ġietx approvata mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tirrikjedi unanimità; jekk tiġi approvata, tkun teħtieġ li tiġi ratifikata wkoll mill-Istati Membri kollha. Il-***Figura 1*** turi l-iskeda ta' żmien tal-iżviluppi prinċipali.

### Figura 1 — Kronoloġija tas-CBAM u l-eliminazzjoni gradwali tal-kwoti mingħajr ħlas




Sors: il-QEA, abbażi tar-Regolament CBAM, id-Direttiva dwar l-ETS u l-proposti tal-Kummissjoni għad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji u l-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni.

## Ambitu u limitazzjonijiet

**08** Din l-Opinjoni hija bbażata fuq ir-rieżami li wettaqna tal-proposta dwar l-istabbiliment tal-Fond, li hija akkumpanjata minn *memorandum* ta' spjegazzjoni u d-dikjarazzjoni finanzjarja obbligatorja. Kellna laqgħat ma' rappreżentanti tad-Direttorati Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, l-Azzjoni Klimatika, il-Baġit, kif ukoll mas-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea. Irċevejna wkoll risposti bil-miktub għall-mistoqsijiet li ġew diskussi f'dawn il-laqgħat.

**09** Analizzajna l-proposta tal-Kummissjoni u ċċekkjajna jekk toħloqx xi riskju għall-ġestjoni finanzjarja tajba. Ivvalutajna ċ-ċarezza tal-abbozzar u r-riskju ta' fehim skorrett jew interpretazzjoni skorretta; eżaminajna wkoll jekk il-proposta hijiex konsistenti ma' leġiżlazzjoni f'oqsma ta' politika simili (b'mod partikolari, id-Direttiva 2003/87/KE dwar l-EU ETS u r-Regolament CBAM).

**10** Skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ("ir-Regolament Finanzjarju"), meta jinħolqu programmi u attivitajiet li jinvolvu nfiq sinifikanti, trid titwettaq evalwazzjoniex *ante*. Il-Kummissjoni wettqet din l-evalwazzjoni *ex ante* fil-forma ta' dokument ta' ħidma tal-persunal[1]. Madankollu, dan ma ġiex ippubblikat flimkien mal-proposta, għall-kuntrarju ta' kif isir issoltu.

[1] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (2026) 67, li jakkumpanja l-proposta għal Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni.

# Osservazzjonijiet ewlenin

11 Il-Fond huwa soluzzjoni temporanja bl-objettiv li jiġu indirizzati r-riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju matul il-bidu tal-eliminazzjoni gradwali tal-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-EU ETS. Huwa se japplika biss għall-produzzjoni u l-bejgħ taċ-ċertifikati tas-CBAM fl-2026 u fl-2027, bħala soluzzjoni tranżitorja għal dawn is-sentejn (il-paragrafi ***03***–***04***).

12 Skont il-Kummissjoni, il-Fond ġie stabbilit biex jappoġġa l-isforzi li l-kumpaniji jagħmlu biex ikomplu jiddekarbonizzaw, u b'hekk jgħin ħalli jiġi indirizzat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kundizzjonijiet biex tinkiseb għajnuna mill-Fond propost issawru fuq il-mudell li jintuża biex jinkisbu l-kwoti mingħajr ħlas tal-EU ETS fl-2026 u l-2027. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja l-proposta ma kienx jinkludi stima tal-investimenti addizzjonali fid-dekarbonizzazzjoni li huma mistennija mill-istabbiliment ta' dan il-Fond (il-paragrafi ***17***–***19***).

13 Programmi ġodda ta' nfiq, inkluż il-Fond propost, iridu jsegwu r-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju biex tiġi garantita ġestjoni finanzjarja tajba. F'dan il-każ, il-Kummissjoni talbet li jiġu previsti tliet derogi mir-Regolament Finanzjarju. Aħna nqisu li fl-ewwel każ, jenħtieġ li ma tintużax deroga, billi hemm alternattivi li jistgħu jiġu użati fi ħdan id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju. Fit-tieni każ, inqisu li d-deroga mir-Regolament Finanzjarju hija meħtieġa. Fit-tielet każ, id-deroga proposta hija ġġustifikata biżżejjed; madankollu, il-formulazzjoni ma tirriflettix kif xieraq il-punt sa fejn se tintuża d-deroga (il-paragrafi ***20***–***27***)

14 Il-Kummissjoni tistma li d-dħul totali tal-Fond jammonta għal EUR 632 miljun. In-nefqa totali hija stmata li tilħaq il-EUR 265 miljun. Din id-differenza kbira tqajjem dubji dwar il-ħtieġa li s-sehem tal-kontribuzzjoni jiġi stabbilit għal 25 % tad-dħul li jkun inġabar mill-Istati Membri mill-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM. Id-dħul u n-nefqa stmati tal-Fond huma suġġetti għal inċertezza kbira, speċjalment fir-rigward tal-ipprezzar futur tal-kwoti tal-EU ETS u l-iskala tal-importazzjonijiet li jeħtieġu ċertifikati CBAM. L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jittrasferixxu lill-Fond l-ewwel porzjon tad-dħul miġbur diġà fl-2028, filwaqt li l-pagament se jiġi żborżat fl-2029. Il-proposta ma tistabbilix kif il-Kummissjoni se timmaniġġja d-dħul miġbur qabel ma jiġi żborżat (il-paragrafi ***29***–***30***).

15 Għalkemm huwa Fond ġdid fjamant, huwa jibni fuq strutturi amministrattivi u rekwiżiti ta' rappurtar li diġà jeżistu għall-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti EU ETS. Dan l-approċċ jenħtieġ li jikkontribwixxi għal piż amministrattiv eħfef għall-benefiċjarji u inqas kostijiet għall-amministrazzjoni tal-Fond (il-paragrafi ***31***–***32***).

16 Nissuġġerixxu li l-proposta tiġi emendata matul il-proċess leġiżlattiv kif ġej (ara l-***Anness I***):

- tipproponi soluzzjoni għall-problema ta’ approprjazzjonijiet mhux użati f’konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju (il-paragrafi *21*–*23*);
- tiddikjara b’mod espliċitu li l-appoġġ għandu jitħallas b’mod retroattiv (il-paragrafi *26*–*27*);
- tqis jekk is-sehem tal-kontribuzzjoni ta’ 25 % tad-dħul huwiex xieraq (il-paragrafu *29*);
- tqis trasferiment uniku ta’ kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-Fond fil-31 ta’ Marzu 2029 (il-paragrafu *30*).

# Kummenti speċifiċi

## Objettivi tal-Fond

17 Skont il-*memorandum* ta' spjegazzjoni, l-objettivi tal-Fond huma li jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-operaturi f'setturi b'intensità qawwija ta' karbonju li huma suġġetti għar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, u li jinċentiva b'mod effettiv it-tnaqqis tal-emissjonijiet. Il-proposta tapplika għas-setturi tal-fertilizzanti, l-aluminju, u l-ħadid u l-azzar; speċifikament, il-prodotti elenkati fl-anness tal-proposta.

18 Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-Artikolu 7 tal-proposta jistabbilixxi ċerti kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati biex il-kumpaniji jirċievu appoġġ. Dawn jibnu fuq il-kundizzjonijiet għall-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-EU ETS, stabbiliti fl-Artikoli 22a u 22b tar-Regolament Delegat għad-Direttiva dwar l-ETS (ir-Regolament (UE) 2019/331), li jirrikjedu li l-operaturi:

— jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet kollha ta' awditu tal-enerġija, ħlief għal każijiet fejn iż-żmien tal-ħlas lura għall-investimenti rilevanti jaqbeż it-3 snin;

— jimplimentaw miżuri oħra b'effett ekwivalenti fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta l-kostijiet tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni jkunu sproporzjonati;

— jippreżentaw pjan għan-newtralità klimatika għall-proċessi ta' produzzjoni b'livelli għoljin ta' emissjonijiet.

19 L-Artikolu 7 tal-proposta jimponi wkoll għadd limitat ta' kundizzjonijiet addizzjonali. Pereżempju, ir-rakkomandazzjonijiet ma għandhomx għalfejn jiġu implimentati jekk iż-żmien tal-ħlas lura tal-kost tal-investiment jaqbeż il-5 snin (għall-kuntrarju ta' 3 snin għal

allokazzjonijiet mingħajr ħlas skont l-EU ETS), jew irid ikun hemm impenn legali magħmul għal investimenti biex jintlaħqu l-miri msemmija fi pjan għan-newtralità klimatika. Il-Kummissjoni ma vvalutatx l-impatt li dawn il-kundizzjonijiet addizzjonali jkollhom fuq l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni li jkunu għamlu l-kumpaniji. Barra minn hekk, billi l-pagamenti mill-Fond se jkunu bbażati fuq il-produzzjoni storika, mhumiex qegħdin jappoġġaw l-investimenti ġodda fid-dekarbonizzazzjoni b'mod dirett, iżda biss indirettament permezz ta' rekwiżiti ta' kundizzjonalità. **Id-dokument ta' ħidma tal-persunal ma fihx stima tal-investimenti addizzjonali fid-dekarbonizzazzjoni li huma antiċipati bl-istabbiliment ta' dan il-Fond.**

# Derogi mir-Regolament Finanzjarju

**20** Fil-proposta leġiżlattiva, il-Kummissjoni titlob li jiġu previsti derogi minn tliet dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju: l-Artikolu 12(4)(c), l-Artikolu 21(5) u l-Artikolu 196(3).

## Deroga mill-Artikolu 12(4)(c): ritorn ta' dħul eċċessiv lill-Istati Membri

**21** L-Artikolu 12(4)(c) tar-Regolament Finanzjarju jistipula li approprjazzjonijiet korrispondenti għal dħul assenjat estern "għandhom jintużaw għalkollox sakemm l-operazzjonijiet kollha li jirrigwardaw il-programm jew l-azzjoni li jkunu ġew assenjati għalihom ikunu twettqu jew huma jkunu jistgħu jiġu riportati u jintużaw għall-programm jew għall-azzjoni sussegwenti". Madankollu, l-Artikolu 3(4) tal-proposta jistabbilixxi li: "Id-dħul li jifdal wara l-iżborż sħiħ tal-finanzjament lill-benefiċjarji finali u l-pagament tal-kostijiet amministrattivi tal-Fond ma għandux jiġi riportat awtomatikament biex jintuża mill-Fond". B'deroga mill-Artikolu 12(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Kummissjoni għandha tirritorna d-dħul eċċessiv lill-Istati Membri b'mod proporzjonali għall-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom lill-Fond."

**22** Deroga minn dispożizzjoni li tinsab fl-Artikolu 12 tar-Regolament Finanzjarju tfisser deroga minn dispożizzjoni tat-Titolu II tar-Regolament Finanzjarju li jistabbilixxi l-prinċipji baġitarji, f'dan il-każ il-prinċipju tal-annwalità. Dan imur kontra l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Finanzjarju, li jipprojbixxi kwalunkwe deroga minn dispożizzjoni li tistabbilixxi prinċipju baġitarju. L-Artikolu kkonċernat jiddikjara li "dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-dħul u tan-nefqa tal-baġit, u li jinsabu f'att bażiku, għandhom jikkonformaw mal-prinċipji tal-baġit stabbiliti fit-Titolu II".

**23** Il-Kummissjoni użat derogi simili fil-passat (bħar-Regolament (UE) 2023/955 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima; ir-Regolament (UE) 2024/792 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna). Madankollu, **jenħtieġ li derogi ta' dan it-tip jintużaw biss f'ċirkustanzi**

**eċċezzjonali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tar-regoli applikabbli għall-prinċipji baġitarji u żieda fir-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tajba** (ara wkoll il-Premessa 12 tar-Regolament Finanzjarju). Għalhekk, **aħna nqisu li din il-proposta jenħtieġ li ma tipprevedix deroga ta' dan it-tip** , billi hemm alternattivi li jistgħu jiġu użati fi ħdan id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(4)(c) tar-Regolament Finanzjarju (l-approprjazzjonijiet jistgħu jiġu riportati u jintużaw għal programm jew azzjoni b'objettiv simili).

### Deroga mill-Artikolu 21(5): assenjar tad-dħul lill-Fond

24 L-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju jistipula: "att bażiku jista' jassenja d-dħul li huwa jipprevedi għal partiti speċifiċi tan-nefqa. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-att bażiku, tali dħul għandu jikkostitwixxi dħul assenjat intern". L-Artikolu 3(3) tal-proposta jiddevja minn din id-dispożizzjoni billi jiddikjara li: "[l]-ammonti kkontribwiti għandhom ikunu dħul assenjat lill-Fond f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. B'deroga minn dik id-dispożizzjoni, l-ammonti li jiġu kkontribwiti għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern".

25 Ir-Regolament CBAM ma għandux klawżola li tassenja d-dħul lill-Fond, peress li dak iż-żmien ma kinitx prevista l-ħtieġa għal Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni. Għalhekk, **aħna nqisu li l-klawżola li tippermetti deroga mill-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju hija neċessarja fil-proposta attwali.**

### Deroga mill-Artikolu 196(3): żborż retroattiv tal-fondi

26 L-Artikolu 196(3) taħt it-Titolu VIII (Għotjiet) tar-Regolament Finanzjarju jistipula dan li ġej: "Ma għandhomx jingħataw għotjiet b'mod retroattiv għal azzjonijiet li diġà tlestew". L-Artikolu 11(1) tal-proposta jintroduċi d-deroga minn dan l-Artikolu: "il-Kummissjoni <u>tista' tħallas ukoll appoġġ</u> fir-rigward tal-investimenti u tal-produzzjonijiet anke jekk diġà jkunu tlestew". F'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Finanzjarju, inqisu li d-deroga hija ġġustifikata biżżejjed fil-Premessa 8 tal-proposta, billi d-dħul mis-CBAM se jsir disponibbli biss fl-2028.

27 Madankollu, l-Artikolu 1(2) tal-proposta jistabbilixxi li l-Fond se jappoġġa l-produzzjoni ta' oġġetti li se sseħħ fl-2026 u fl-2027, filwaqt li l-kumpaniji jistgħu japplikaw biss għal appoġġ finanzjarju fl-2028. Għalhekk, il-fondi kollha se jiġu żborżati b'mod retroattiv. **Aħna nqisu, għalhekk, li filwaqt li d-deroga hija ġġustifikata biżżejjed, l-Artikolu 11(1) tal-proposta ma jindikax b'mod ċar sa liema punt huwa ppjanat li jintuża l-iżborż retroattiv.**

28 Ninnutaw ukoll li, minbarra s-solidità legali tad-deroga, l-iżborżi retroattivi b'mod ġenerali joħolqu riskju partikolari għall-ġestjoni finanzjarja tajba, minħabba li l-awtorità aġġudikanti mhu se jkollha l-ebda influwenza fuq l-azzjonijiet iffinanzjati mill-għotja.

# Ġbir tad-dħul u ġestjoni tal-assi

29 Il-proposta tistma li d-dħul totali tal-Fond se jilħaq is-EUR 632 miljun (EUR 308 miljun għall-2026 u EUR 324 miljun għall-2027). In-nefqa totali taħt il-Fond hija stmata li tilħaq il-EUR 265 miljun. **Din id-differenza kbira tqajjem dubji dwar il-ħtieġa li s-sehem tal-kontribuzzjoni jiġi stabbilit għal 25 % tad-dħul li kull Stat Membru jkun ġabar mill-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM (l-Artikolu 3(2) tal-proposta).** Minkejja dan, iż-żewġ ammonti stmati huma suġġetti għal inċertezza kbira. Ir-rikavati mill-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM huma forma ġdida ta' dħul, u ma teżisti l-ebda *data* storika dwar il-livelli ta' introjtu. Mil-lat ta' nfiq, hemm nuqqas ta' *data* dettaljata dwar prodotti li jaf isiru eliġibbli minħabba riskju akbar ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-livell nazzjonali (prodotti ta' inklużjoni fakultattiva skont l-Artikolu 6(2) tal-proposta). Dawn l-inklużjonijiet fakultattivi huma stmati li jirrappreżentaw EUR 75 miljun f'nefqa totali, iżda huma diffiċli ħafna li jitbassru.

30 L-Artikolu 3(3) tal-proposta jirrikjedi li l-Istati Membri jittrasferixxu l-ewwel porzjon tal-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-Fond sal-31 ta' Marzu 2028 (25 % tad-dħul miġbur għall-2026) u t-tieni porzjon sal-31 ta' Marzu 2029 (25 % tad-dħul miġbur għall-2027). Biex tillimita l-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji, il-Kummissjoni qed tippjana li tiżborża l-pagament tal-appoġġ f'darba waħda fl-2029, li tkopri s-sentejn tal-produzzjoni. Konsegwentement, **għal aktar minn sena l-Kummissjoni se tuża ftit biss mit-EUR 308 miljun stmati li se jiġu trasferiti mill-Istati Membri fl-2028**. Ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-proposta li tistipula kif il-Kummissjoni se timmaniġġja dawn l-assi.

# Amministrazzjoni tal-Fond

31 Għalkemm il-proposta ħolqot pjan għal fond kompletament ġdid, il-proċeduri biex isiru applikazzjonijiet għall-appoġġ mill-Fond, kif stabbiliti fl-Artikolu 8(1) tal-proposta, jibnu fuq l-istrutturi amministrattivi u r-rekwiżiti ta' rappurtar li diġà jeżistu għall-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-EU ETS. Dan kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-Kummissjoni, kif stabbilit fir-Regolamenti delegati[2] u ta' implimentazzjoni[3] dwar l-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet. **Għalhekk, il-benefiċjarji mhux se jkunu meħtieġa jużaw modi ġodda għall-proċedura ta' applikazzjoni għall-appoġġ finanzjarju; iż-żieda fil-kostijiet amministrattivi se tkun limitata ukoll.**

32 L-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti hija ddeterminata fil-livell tal-installazzjonijiet jew tas-subinstallazzjonijiet. L-ammont ta' appoġġ disponibbli mill-Fond, madankollu, huwa bbażat

[2] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 (l-Artikolu 3).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 (l-Artikolu 3).

fuq il-produzzjoni ta' oġġetti individwali fi ħdan dawn l-installazzjonijiet. F'xi każijiet, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw kumpaniji żgħar, id-*data* disponibbli dwar il-produzzjoni għadha mhijiex dettaljata biżżejjed biex ikun jista' jiġi kkalkulat l-ammont preċiż ta' appoġġ li għandu jiġi pprovdut mill-Fond. Aħna ninnutaw li jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(3) tal-proposta biex tirrikjedi li jiġu inklużi aktar dettalji fir-rapport tad-*data* dwar il-produzzjoni.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla I, li hija mmexxija mis-Sa Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-25 ta' Marzu 2026.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Tony Murphy
*Il-President*

# Annessi

## Anness I — Bidliet issuġġeriti bil-kummenti

### Tabella 1 | Bidliet issuġġeriti bil-kummenti

| Test tal-proposta | Bidla ssuġġerita | Kummenti |
|---|---|---|
| L-Artikolu 3(2)<br><br>Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkorrispondu għal 25 % tad-dħul li kull Stat Membru jkun ġabar mill-bejgħ taċ-ċertifikati tas-CBAM skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/956 fir-rigward tal-emissjonijiet integrati ddikjarati għall-2026 u għall-2027. | Ma ġiet proposta l-ebda formulazzjoni speċifika. | Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqabbel aktar mill-qrib il-kontribuzzjonijiet mitluba mill-Istati Membri man-nefqa mistennija tal-Fond. |
| L-Artikolu 3(3)<br><br>L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu lill-Fond ammont monetarju li jikkorrispondi għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu rispettivament sal-31 ta' Marzu 2028 u sal-31 ta' Marzu 2029. | L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu lill-Fond ammont monetarju li jikkorrispondi għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ~~rispettivament~~ sal-~~31 ta'Marzu 2028 u sal-~~31 ta' Marzu 2029. | B'din il-bidla proposta jiġi evitat li l-ammonti jibqgħu ma jintużawx mill-Kummissjoni għal aktar minn sena. |

| | | |
|---|---|---|
| L-Artikolu 3(4)<br><br>Id-dħul li jifdal wara l-iżborż sħiħ tal-finanzjament lill-benefiċjarji finali u l-pagament tal-kostijiet amministrattivi tal-Fond ma għandux jiġi riportat awtomatikament biex jintuża mill-Fond. B'deroga mill-Artikolu 12(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Kummissjoni għandha tirritorna d-dħul eċċessiv lill-Istati Membri b'mod proporzjonali għall-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom lill-Fond. | Ma ġiet proposta l-ebda formulazzjoni speċifika. | Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tuża l-alternattivi previsti fl-Artikolu 12(4)(c) tar-Regolament Finanzjarju biex tevita l-ħtieġa għad-deroga. |
| L-Artikolu 11(1)<br><br>B'deroga mill-Artikolu 196(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Kummissjoni tista' tħallas ukoll appoġġ fir-rigward tal-investimenti u tal-produzzjonijiet anke jekk diġà jkunu tlestew. | B'deroga mill-Artikolu 196(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-appoġġ mill-~~tista' tħallas ukoll~~ Kummissjoni se jitħallas ~~fir-rigward tal-~~lil ~~investimenti u~~ produzzjonijiet ~~anke jekk~~ li diġa' tlestew. | B'din il-bidla proposta huwa ċċarat li l-appoġġ kollu se jitħallas b'mod retroattiv. |

# Abbrevjazzjonijiet

| Abbrevjazzjoni | Definizzjoni/Spjegazzjoni |
|---|---|
| **CBAM** | Mekkaniżmu ta’ Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri |
| **EU ETS** | Sistema tal-UE għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet |
| **TFUE** | Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |

# DRITTIJIET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2026

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Ritratt tal-paġna tal-qoxra – © Mulderphoto – stock.adobe.com.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-QEA**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.


| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| HTML | ISBN 978-92-849-7543-3 | ISSN 2812-2933 | doi:10.2865/2651066 | QJ-01-26-022-MT-Q |
| PDF | ISBN 978-92-849-7544-0 | ISSN 2812-2933 | doi:10.2865/1256631 | QJ-01-26-022-MT-N |

## KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-Opinjoni 13/2026 “rigward il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni COM (2025) 990 final”, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026.

Din l-Opinjoni nħarġet skont l-Artikolu 322(1) TFUE li jipprevedi li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri tiġi kkonsultata qabel l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi relatati mar-regoli finanzjarji tal-UE.

L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tikkummenta dwar il-fasla, il-governanza u d-dispożizzjonijiet ta' finanzjament tal-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni propost. Hija maħsuba biex tgħin ħalli l-fond futur żgur jippromwovi ġestjoni finanzjarja tajba u jikkontribwixxi għall-objettivi tal-politiki tal-UE dwar il-klima u l-industrija.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea